A.L. 176 ta' l-1993

ATT TA' L-1991 DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (ATT NRU. XVII TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rati tal-Port (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 52 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rati tal-Port (Emenda Nru. 2) u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1969 dwar ir-Rati tal-Port, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 53 ta' l-1969.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1994.

Jissostitwixxi t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok it-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din l-Iskeda ġdida li ġejja:

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 3)

RATI GĦALL-MAGAZZINAĠĠ U RTIR TA' OĠĠETTI

TAQSIMA I

RATI TA' MAGAZZINAĠĠ

1. Relattivament għal merkanzija importata, maħżuna jew stivata fuq mollijiet, xtut jew bankini jew f'kull żona provduta għal dak l-iskop mill-Awtorità, għandhom jitħallsu mis-sid tal-merkanziji speċifikati fil-Kolonna 1 tat-Tabella li tinsab minnufih hawn taħt, ir-rata ta' magazzinaġġ, għal kull ġurnata jew parti minnha, murija fil-Kolonna 2 ta' l-imsemmija Tabella:—

TABELLA

Kolonna 1	Kolonna 2
1. Merkanzija ġenerali/sfuża	50 centeżmu għal kull tunnellata jew parti minnha
2. *Container/Trailer* *Container/Trailer* ta' tagħbija sħiħa:	
(i) 20 pied	Lm1 għal kull unità
(ii) 40 pied	Lm2 għal kull unità
Trailers ta' tagħbija sħiħa:	
40 pied u fuqhom	Lm2 għal kull unità
Reefer Container/karrell:	
20 pied	Lm1.50 għal kull unità
40 pied u fuqhom	Lm3.00 għal kull unità
3. Vetturi tal-mutur, mhux stivati mobbli:	
(i) karozzi u *vans*	Lm3 għal kull unità
(ii) *Trucks* u *Chassis*	Lm5 għal kull unità:

Iżda għall-ewwel sitt ijiem minn meta jitlesta l-ħatt ta' merkanzija minn fuq il-bastiment li jimporta, ma għandhom jitħallsu ebda rati ta' magazzinaġġ.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 1 ta' din it-Taqsima ta' din l-Iskeda, għandu jitħallas mis-sid ta' l-oġġetti lill-Awtorità dwar għalf importat li jinħażen fuq mollijiet, xtut jew f'żoni provduti għal dak l-iskop mill-Awtorità għall-perijodi speċifikati fil-Kolonna 1 tat-Tabella li tinsab minnufih hawn taħt, ir-rati ta' magazzinaġġ murija fil-Kolonna 2 ta' l-imsemmija Tabella:—

TABELLA

Kolonna 1	Kolonna 2
(i) Għall ewwel sitt ijiem minn meta jitlesta il-ħatt ta' merkanzija mill-bastiment li jimporta	Ebda ħlas
(ii) Mill-ewwel sa l-erba' w għoxrin jum minnufih wara l-perijodu speċifikat fil-partita (i)	7c għal kull metru kwadru ta' spazju okkupat għal kull ġurnata jew parti minn ġurnata
(iii) Wara dawn il-perijodi sa-kemm jiġu rtirati	75c għal kull metru kwadru ta' spazju okkupat għal kull ġurnata jew parti minn ġurnata:

Iżda d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' din it-Taqsima ta' din l-Iskeda għandhom ikun biss jgħoddu meta —

(a) applikazzjoni bil-miktub għal dak l-ispazju għal magazzinaġġ tkun saret lill-Awtorità mhux anqas minn tmienja w erbgħin siegħa qabel il-wasla ta' l-oġġetti; u

(b) l-Awtorità tkun ikkonfermat bil-miktub l-allokazzjoni ta' l-ispazju.

Iżda wkoll l-Awtorità ma għandhiex talloka spazju għal magazzinaġġ bil-quddiem jekk dak l-ispazju jkun qabel ġie allokat jew okkupat.

3. Relattivament għal oġġetti għal esportazzjoni maħżuna għall-imbark fuq mollijiet, xtut jew bankini jew f'kull żona provduta għal dak l-iskop mill-Awtorità, għandhom jitħallsu mill-esportatur lill-Awtorità relattivament għall-perijodi speċifikati fil-Kolonna 1 tat-Tabella li tinsab minnufih hawn taħt, ir-rati ta' magazzinaġġ għal kull tunnellata jew parti minn tunnellata għal kull ġurnata jew parti minn ġurnata murija fil-Kolonna 2 ta' l-imsemmija Tabella:—

TABELLA

Kolonna 1	Kolonna 2
(i) Għall-ewwel sitt ijiem:	
(a) meta l-oġġetti jkunu lesti fl-aspetti kollha għall-imbark ..	Ebda ħlas
(b) meta l-oġġetti ma jkunux lesti fl-aspetti kollha għall-imbark	6c
(ii) Għas-sitt ijiem li jaħbtu minnufih wara l-perijodu speċifikat fil-partita (i)	12c
(iii) Wara dan il-perijodu sakemm jiġu mbarkati jew irtirati	30c.

4. (1) Relattivament għal oġġetti li jidħlu bi trasbord jew bħala merkanzija żejda, u li jinħażnu fil-ħarsien ta' l-Awtorità jew tal-kuntrattur tagħha, l-aġent tal-bastiment għandu jħallas lill-Awtorità dwar il-perijodi speċifikati fil-Kolonna 1 tat-Tabella li tinsab minnufih hawn taħt, ir-rati ta' magazzinaġġ għal kull tunnellata jew parti minnha għal kull ġimgħa jew parti minnha murija fil-Kolonna 2 tat-Tabella msemmija:—

TABELLA

Kolonna 1	Kolonna 2
Għallewwel sitt ijiem	Ebda ħlas
Wara dak iż-żmien, sakemm jerġgħu jitgħabbew fuq bastiment	10c.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw biss sakemm —

(a) dawk l-oġġetti ma jitneħħewx mill-ħarsien ta' l-Awtorità jew tal-kuntrattur, skond il-każ, u

(b) fil-każ ta' merkanzija għat-trasbord —

(i) l-oġġetti jinġarru mill-bastiment li jimporta fuq polza ta' kargu ġenerali;

(ii) jingħata avviż bil-miktub lill-Awtorità ta' kull trasbord li jkun se jsir qabel ma jitneħħew l-oġġetti minn fuq il-bastiment li jkun importahom.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2, 3 u 4 ta' dawn ir-regolamenti, dwar *containers* vojta, kif imfissra fir-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet, jew *trailers* vojta, għandhom jitħallsu mis-sid, kaptan jew aġent ta' bastiment li minnu jkunu tniżżlu dawk il-*containers* jew *trailers* vojta f'xi parti minn port, jew minn persuna li tkun qegħdet dawk il-*containers* jew *trailers* vojta f'xi parti minn port għat-trasbord, dwar il-perijodi speċifikati fil-Kolonna 1 tat-Tabella li tinsab minnufih hawn taħt, ir-rati ta' magazzinaġġ murija fil-Kolonna 2 ta' dik it-Tabella. A.L. 43 ta' l-1966.

TABELLA

Kolonna 1	Kolonna 2
(i) Għall-ewwel erbat ijiem mit-temm tal-iskariġġ ta' dawk il-*containers* vojta minn fuq vapur, jew miż-żmien li dawk il-*containers* jew *trailers* vojta jitqegħdu f'xi parti minn port għat-trasbord ...	Ebda ħlas
(ii) Għas-sitt ijiem li jiġi minnufih wara l-perijodu speċifikat fil-partita (i)	Lm2.50 għal kull *container* jew *trailer* vojt għal kull ġurnata jew parti minnha
(iii) Wara dak il-perijodu sakemm jitneħħa jew jiġi mbarkat fuq bastiment, skond il-każ	Lm5.00 għal kull *container* jew *trailer* vojt għal kull ġurnata jew parti minnha.

6. Meta merkanzija żbarkata bħala merkanzija trasbordata jew bħala merkanzija żejda jintagħżel li tiġi konsenjata f'Malta d-drittijiet speċifikati fil-paragrafu 4 ta' din it-Taqsima ta' din l-Iskeda għandhom jiġu kalkolati mill-ġdid u jitħallsu skond ir-rati normali ta' magazzinaġġ għal importazzjoni skond id-dispożizzjonijiet xierqa tal-paragrafu 1 jew 2 ta' din it-taqsima ta' din l-Iskeda.

7. Meta oġġetti depożitati għall-imbark fuq bastiment skond l-ordnijiet ta' mbark magħmula mill-ispedituri jew mill-aġenti tagħhom ma jiġux imbarkati għaliex jiġu magħluqa barra mill-bastiment, għandhom jingħataw jumejn utili mingħajr ħlas tal-kera ta' magazzinaġġ relattivament għal dawk l-oġġetti mill-ħin li dawk l-oġġetti jkunu magħluqa barra; wara dan iż-żmien id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' din it-taqsima ta' din l-Iskeda għandhom japplikaw u jibdew bir-rati murija ħdejn il-partita (ii) tat-Tabella.

8. Ma jitħallsu ebda rati ta' magazzinaġġ dwar —

(a) oġġetti manifatturati f'Malta;

(b) patata u basal żbarkati jew depożitati f'tined allokati mill-Awtorità għall-finijiet ta' dan il-paragrafu;

(ċ) dawk l-oġġetti, f'dawk il-każi, għal dawk il-perijodi, u taħt dawk il-kondizzjonijiet hekk kif il-Ministru responsabbli għall-portijiet jista' personalment bil-miktub jiddeċiedi.

9. Fil-każ li l-Awtorità teħtieġ li oġġetti għal esportazzjoni jiġu rtirati mill-port skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 94 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet, kull oġġett tali li ma jiġix irtirat fiż-żmien speċifikat ikun suġġett għar-rata ta' magazzinaġġ ta' 25c għal kull tunnellata għal kull ġurnata jew parti minn ġurnata.

10. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 3 ta' din it-Taqsima, is-Sibtijiet, il-Ħdud u l-btajjel pubbliċi ma għandhomx jitqiesu meta jinħadmu l-perijodi hemm speċifikati.

TAQSIMA II

Tneħħija ta' Oġġetti Ġewwa Port

1. Meta oġġetti jiġu mneħħija minn tinda jew stiva ta' transit għal xi post ieħor ġewwa port inkluż il-maħżen tad-depożt tad-dwana, fuq it-talba tas-sid jew skond id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 92 u 94 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet, is-sid ta' l-oġġetti għandu jħallas lill-Awtorità dwar kull pakk hekk imneħħi r-rata ta':— A.L. 43 ta' l-1966.

20c għal kull 50 kilogramm jew parti minnhom jew għal kull 56633 cm^3 jew parti minnhom, liema jkun l-akbar ammont.

2. Meta jitneħħa *container* jew *trailer* (ħlief meta dan ikun *container* jew *trailer* vojt) minn Xatt-ir-Risq għal xi moll jew xatt ieħor fil-Port il-Kbir, jew għal Pinto Annex f'Pinto Wharf, Valletta, jew viċi-versa, is-sid, *charterer* jew kaptan tal-bastiment li minnu jkun tniżżel, jew li fuqu jkun tgħabba dan il-*container* jew *trailer*, għandu jħallas lill-Awtorità jew lill-kuntrattur tagħha, skond kif ikun il-każ, ir-rata ta' Lm5 għal kull *container* jew *trailer*.".